MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Numru. 915/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Francis Refalo bin Peter u Mary Grace nee' Pisani, imwieled nhar it-8 ta' Jannar 1969, residenti fil-fond Long Stone, Triq it-28 ta' April, 1688, Sannat, Ghawdex u dententur tal-karta tal-identita' numru 112685(M)**

**U**

**Walter Theuma bin Nazzareno u Frances nee' Vella, imwieled nhar it-13 ta' Lulju, 1979, residenti fil-fond Sunset, Triq Guzeppi Grech, Xaghra, Ghawdex u dententur tal-karta tal-identita' numru 16779(G)**

**U**

**Matthew Mario Vella bin Michael u Martha nee' Azzopardi, imwieled nhar it-28 ta' Gunju 1988, residenti fil-fond St. Martha, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex u dententur tal-karta tal-identita' numru 336588(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija Francis Refalo, Walter Theuma u Matthew Mario Vella li gew akkuzati talli nhar it-8 ta' Novembru, 2006 ghal habta ta' 16:00hrs fl-inhawi ta' Xhajma limiti tax-Xewkija, Ghawdex;

1) Hadu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur (pluviera) b'mansab mekkanizzat mhux tradizzjonali u bi xbieki akbar minn 13.75m bi 2.75m (45 pied b'9 piedi) tul (A.L. 79/2006 Reg 8);

2) Hadu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur (pluvier) li hu ghasfur protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond l-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahta u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 Art 4(a) u A.L. 187/2006 Art 3(c);

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tiehu il-mizuri sabiex jitnehhew ix-xbieki u l-affarijiet mekkanici fiz-zmien li jidrilha xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Ili mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fit-8 ta' Novembru 2006 u cioe' fil-jiem tal-akkuza, l-istagun ghall-insib tal-pluvieri kien maghluq. Mix-xhieda ta' Stanley Gatt jidher illi l-istagun ghall-insib tal-pluvieri ghalaq fil-31 ta' Jannar 2006 u ma regax fetah f'dik is-sena. Dana huwa rifless fl-Avviz Legali 187/2006;

Illi mix-xhieda ta' PS 676 Edelon Spiteri, ta' PC 1376 Martin Muscat u ta' PS 187 Mario Cassar li accedew fuq il-post dakinhar, irrizulta illi kien hemm xbiek twil li kien armat ghall-insib u li go fih kellu xi pluvieri hajjin. Mix-xhieda taghhom jirrizulta wkoll li t-tliet imputati ammettew maghhom illi kienu jonsbu ghall-pluvieri;

Il-Qorti ghalhekk ma temminx lill-imputat Francis Refalo u Matthew Mario Vella meta xehdu illi huma ma kinux qeghdin fuq il-post ghall-insib. L-ebda wiehed mill-Ufficjali tal-Pulizija ma jghidu illi meta marru fuq il-post l-imputat Refalo kien qieghed jahrat, kif isostni hu. Ghaldaqstant din l-affermazzjoni mill-imputat Refalo hija inverosimili kif inhi inverosimili l-affermazzjoni tal-imputat Matthew Mario Vella illi mar hdejn Theuma ghax ra l-Pulizija. Il-Qorti taraha kemmxejn stramba kif dawn iz-zewg imputati ma gharrfux lill-Pulizija b'dan a tempo vergine. Kwindi t-tieni (2) akkuza tirrizulta ppruvata;

Madanakollu b'referenza ghall-ewwel (1) akkuza, il-Qorti tosserva illi dana l-mansab u x-xbiek qatt ma gew esebiti fl-atti tal-kawza la formalment u lanqas materjalment u mill-provi tal-Prosekuzzjoni ma jirrizultawx ezattament x'kienu l-qisien tax-xbiek;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat ir-Regolament 4(a) tal-Avviz Legali 79/2006, Regolament 3(c) tal-Avviz Legali 187/2006 u Regolament 27(3)(a) tal-Avviz Legali 79/2006, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel (1) akkuza, issibhom hatja tat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa ta' mitejn ewro (€200) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------